# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tat-63 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet il-Ħamis 09 ta' Novembru 2023 fil-5:30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Henry Zaffarese | Viċi Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Raymond Decelis | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**63.01 Talba**

63.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**63.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

63.02.01 Is-S.E. infurmat li l-Kunsillier Decelis infurmana li ma jistax ikun preżenti għal din il-laqgħa għar-raġuni ta' safar.

**63.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħat numri 61 u 62.**

63.03.01 Il-Minuti tal-laqgħat numri 61 u 62 ġew approvati unanimament wara emenda li saret fuq punt 61.11.04 mill-Kunsillier Sciberras. Il-Viċi Sindku ippropona u l-Kunsillier Dingli issekonda.

**63.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

63.04.01 Is-Sindku iċċarat li rigward l-attività kulturali 'Stilel taħt il-Kampnar', il-Kunsill Lokali ta l-opportunità lill-każini kollha tal-banda u tal-Futbol sabiex jipparteċipaw billi jarmaw *bar* waqt l-attività. Madanakollu, mis-Soċjetà Santa Marija, l-ewwel irrifjutaw li jipparteċipaw, fejn imbgħad wara ddeċidew li jċedu posthom lill-*barman* tar-*Remissa Bar*. Fuq din kien hemm diskussjoni mill-membri preżenti fejn fosthom intqal li l-Kunsill qatt ma obbliga lil ħadd jieħu sehem bilfors, minkejja li huwa dejjem iħeġġeġ lill-każini sabiex joffru s-servizzi tagħhom waqt attivitajiet bħal dawn, li għalihom ikunu qed jitħallsu.

63.04.02 Is-Sindku infurmat li fil-ġimgħatejn li ġejjin, minn Ambjent Malta se jkunu qed jinbidlu x-*shrubs* li hemm mejtin fil-*bypass*. Rigward ir-*roundabout* tal-Mentna se jieħdu ħsieb ukoll li jkollha *shrubs* u dak neċessarju. Madanakollu biex isir tisbiħ totali tal-istess *roundabout*, Ambjent Malta trid tirrikorri għand id-Dipartment tal-

Kuntratti peress li dan mhux parti mill-pakkett li għandhom preżenti. Fuq din kien hemm qbil mill-membri preżenti tal-kunsill li għalissa jsir ix-xogħol kif imsemmi u ppjanat. Imbagħad ladarba jerġgħu joħorġu l-pakketti l-ġodda jiġi kkunsidrat kif se jsir it-tisbiħ tar-*rounadbout*.

63.04.03 Is-Sindku rreferiet għall-korrispondenza li rċevejna mill-ARPA fejn dawn infurmawna li apparti n-nuqqasijiet fil-kuntratt min-naħa ta' Callus, instabu xi nuqqasijiet oħra. Għaldaqstant il-kunsill ġie ppenalizzat 100% fejn qed jintalab irodd lura madwar 25K lill-ARPA, filwaqt li l-istess ARPA mhux ser tgħaddi d-differenza ta' madwar 25K oħra lill-kunsill, li hu l-ammont li kien baqagħlu jirċievi. Mill-uffiċċju se tintbagħat talba għal-laqgħa mal-ARPA f'dan ir-rigward u s-Sindku insistiet li l-kunsill kollu għandu jkun preżenti għaliha. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

63.04.04 Rigward iż-żewġ *drop kerbs* meħtieġa fi Triq il-Murselli u fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, is-Sindku infurmat li min-naħa tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi mhux se jaqduna għar-raġuni li bħalissa jinsabu b'nuqqas ta' ħaddiema. Intant tlabna l-istimi mingħand kuntratturi diversi, fejn ser inkunu qed nieħdu s-servizz mingħand wieħed mill-kuntratturi antiki tal-kunsill li offra l-irħas stima għal dan ix-xogħol meħtieġ. Is-Sindku kompliet billi spjegat li mal-kuntrattur preżenti tal-kunsill, Catbros Ltd, għandna l-problemi għaliex qed jagħmilha diffiċli biex jaħdem skond ir-rati tiegħu li għandu fil-kuntratt. Madanakollu, ix-xogħol mibdi mill-istess kuntrattur fil-Ġnien tal-Mentna, ser jitkompla. Il-kunsillieri ħadu nota ta' dan.

63.04.05 Is-Sindku infurmat ukoll li rigward l-istruttura ta' taħt il-bust ta' Mikelanġ Sapiano, ġiet imnaddafa u llustrata, filwaqt li l-bieba fejn ser ikun hemm il-pompa tal-funtana tinsab fil-proċess biex issir mill-ħaddiema tal-kunsill. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

**63.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

63.05.01 Il-Viċi Sindku staqsa dwar ix-xogħol ta' tiswija li kellu jsir fil-Pjazza tal-Knisja mill-kuntrattur tad-Dipartiment għax-Xogħolijiet Pubbliċi. Is-Sindku spjegat li hija tkellmet kemm mal-Minsitru sabiex minħabba l-attivitajiet ta' żmien il-Milied fosthom il-Mixgħela tal-Pjazza kif ukoll il-Festa tal-Immakulata Kunċizzjoni, ix-xogħolijiet fil-pjazza għandhom jiġu posposti. Għaldaqstant ix-xogħol ġie skedat għal Jannar 2024. Is-Sindku semmiet ukoll ix-xogħol fuq il-bankini ta' Triq Karmenu Ciantar, fejn skond il-Perit Vassallo, qed jistennew il-*clearance* tal-permess *RWP* biex b'hekk il-kuntratur Ciappara, għal Infrastruttura Malta, ikun jista' jibda x-xogħol fuqhom. Fuq din kien hemm diskussjoni minħabba li l-imsemmi xogħol jista' jaħbat ukoll mal-festi tal-Milied, iżda kien hemm qbil li ladarba x-xogħol mhux se jtellef, tajjeb li għandu jitħalla jsir.

63.05.02 Il-Kunsillier Dingli staqsa x'sar dwar il-*communal reserved bay* ta' Triq is-Saljatura fejn is-SE qaltlu li se tkun qed taħdem fuqha.

63.05.03 Il-Kunsillier Dingli staqsa dwar il-mera ġdida li kien hemm bżonn issir faċċata ta' Sqaq Nru 3 fi Triq il-Parroċċa. Is-SE ikkonfermat li din ġiet installata. F'dan il-punt issemmiet ukoll il-mera mkissra faċċata ta' Sqaq Nru 2 fi Triq il-Parroċċa u kien hemm qbil li din tinbidel.

63.05.04 Il-Kunsillier Dingli staqsa jekk hux possibbli li kif sar fl-ewwel parti ta' Sqaq Buhar, tintefa' t-torba fil-kumplament tat-triq minħabba l-ammont ta' ħofor kbar li hemm. Fuq din kien hemm qbil li jintalbu l-istimi ħalli jsir ix-xogħol.

63.05.05 Il-Kunsillier Dingli staqsa dwar min ser ikun qed jieħu ħsieb is-*soft area* fi Triq M'Ang Sapiano. Is-Sindku spjegat li kemm il-ġonna pubbliċi kif ukoll is-*soft areas* jaqgħu fir-responsabiltà tal-kuntrattur tal-Kunsill. Madanakollu, bħalissa ninsabu fil-proċess biex kif diġà kien hemm qbil mil-kunsill, dan l-imsemmi kuntratt jiġi tterminat biex eventwalment terġà toħroġ it-*tender* mill-ġdid. Intant kien hemm qbil sabiex inġibu stimi għal servizz temporanju sakemm jinħareġ u jiġi aġġudikat it-*tender*.

63.05.06 Il-Kunsillier Dingli staqsa dwar *Stop Sign* li kien semma biex isir fi Triq Mons Alfons Caruana c.w Triq Xandru Farrugia. Is-SE ħadet nota biex jinġibu l-istimi sabiex isiru l-marki tat-triq mitluba.

63.05.07 Il-Kunsillier Dingli staqsa dwar il-mera li kien semma biex tiġi nstallata fi Triq Ħal Kirkop faċċata ta' Triq il-Familja Brancati. Is-SE infurmat li l-mera nxtrat però appena l-ħaddiema ta' KOPTASIN marru biex jinstallawha, ir-residenti ma ħallewhomx jipproċedu bix-xogħol. KOPTASIN issuġġerixxa li bħala alternattiva għall-mera, tista' tersaq l-*istop sign* li hemm f'tarf Triq Familja Brancati, billi tersaq 'l barra u tiġi mal-istess linja tal-*parking bays* eżistenti fi Triq Ħal Kirkop. B'hekk il-vetturi x'ħin jieqfu jkunu 'l barra biżżejjed biex ikunu jistgħu jaraw jekk hux ġejjin vetturi miż-żewġ naħat ta' Triq Ħal Kirkop. Fuq din kien hemm diskussjoni u kien hemm qbil li l-Kunsillier Dingli ser jipprova jikkonvinċi lir-residenti li oġġezzjonaw għall-mera, filwaqt li s-SE ser tipprova ġġib l-approvazzjoni ta' TM għall-*istop sign* kif suġġerit minn KOPTASIN.

63.05.08 Il-Kunsillier Dingli staqsa dwar il-problema li kienet ġiet diskussa tal-*parking bays* f'parti mis-*service road* tal-*bypass*. Is-Sindku spjegat li hija hija kellmet lis-*CEO* ta' Infrastruttura Malta dwar dan iżda huwa m'aċċettax li s-*central strip* tidjieq biex jiġu akkomodati iktar *parking bays* minħabba li hemm infrastruttura tal-elettriku fil-post. Hija kompliet ukoll billi infurmat li l-istess *CEO* infurmaha li se jara xi *storm water culverts* hemm biex tissolva l-problema tal-ilmijiet fl-istess *bypass*. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

63.05.09 Il-Kunsillier Dingli staqsa dwar id-deċiżjoni finali tal-Aworità tal-Ippjanar dwar l-Isptar il-Qadim. Is-Sindku fakkret li kienet infurmat li l-Awtorità tal-Ippjanar approvat il-permess biex l-Isptar il-Qadim jiġi restawrat u qegħdin fil-proċess biex jinbena t-*tender*.

63.05.10 Il-Kunsillier Dingli staqsa dwar ir-*road humps* u *dog litter bins* u *signs* li kien semma biex jiġu nstallati fit-triq bla isem bejn Triq iż-Żurrieq u l-Qrendi. Is-SE infurmat li min-naħa tal-uffiċċju ġibna l-istimi biex jinxtraw it-tabelli u l-*bins* u ser jiġu nstallati fuq in-naħa li taqa' fil-konfini tal-Imqabba. Rigward ir-*road humps* is-Sindku fakkret li qabel nipproċedu fuqhom billi anke nikkonsultaw mal-Kunsill tal-Qrendi peress li parti mit-triq taqa' fil-konfini tal-Qrendi wkoll, importanti li nikkonsultaw mal-persuna li tgħix fl-imsemmija triq biex naraw jekk hemmx xi oġġezzjoni għalihom jew le. Il-membri preżenti ddiskutew dwar dan u kien hemm qbil dwar il-konsultazzjoni mal-unika resident li hemm fit-triq.

63.05.11 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar il-*Bike Racks* li kien ssemmew f'waħda mil-laqgħat tal-Kunsill. Is-SE infurmat li mill-uffiċċju konna qed naħdmu fuqhom propju matul din il-ġimgħa fejn intbagħtu t-talbiet għall-istimi u propju llum irċevejna xi ħaġa minnhom. Wara diskussjoni dwar dawn, kien hemm qbil li appena jkollna l-istimi kollha f'idejna nerġgħu induru flimkien is-siti fejn ser jiġu nstallati dawn il-*bike racks*.

63.05.12 Il-Kunsillier Sciberras staqsa f'hix wasalna rigward it-talba għall-*Communal Reserved Bay* fi Triq M'Ang Sapiano kantuniera ma' Sqaq l-Isptar. Is-SE infurmat li għad m'għandnix risposta. Fuq din kien hemm diskussjoni fosthom li l-applikazzjonijiet għal dawn it-tip ta' *parking bays* għandhom jibqgħu isiru mill-applikanti dirett ma' TM, filwaqt li ż-żebgħa tagħhom għandha tibqa' ssir minn TM minħabba d-diżinn *standard* tagħhom li l-Kunsill m'għandux *stencil* għalihom biex ikun jista' jpenġihom permezz tal-ħaddiema tiegħu.

63.05.13 Il-Kunsillier Sciberras semma l-mera l-ġdida tat-triq li kien hemm qbil li tiġi nstallata fi Triq il-Parroċċa kantuniera ma' Sqaq Buhar, fejn huwa staqsa għaliex din il-mera ma twaħħlitx fejn kien mitlub. Is-SE spjegat li r-raġuni għaliex KOPTASIN installaha fuq il-kantuniera opposta hija għaliex fejn kien propost kienet se tkun fir-riskju li tintlaqat mil-vetturi tqal li jgħaddu għal ġo Sqaq Buhar u għax kienet se tiġi mal-propjetà privata li għadha kemm ġiet restawrata. Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil li s-SE tagħti struzzjonijiet lill-ħaddiema tal-kunsill sabiex jinstallaw il-mera fejn primarjament kienet proposta.

**63.06 Milied 2023**

63.06.01 Is-Sindku semmiet li għall-"Mixgħela tal-Pjazza", li qed tinżamm fl-1 ta' Diċembru, din is-sena hemm allokati €4,000 mir-Regjun Punent. Hija kompliet li għal din l-attività nistgħu nerġgħu inġibu t-*train* u l-*bouncy castle*, filwaqt li ħarġet bl-idea li għal din is-sena nistgħu nagħmlu palk żgħir, u nġibu xi *stalls* minn fejn jinbiegħ il-kafe' u l-imbuljuta. Fuq dan qamet diskussjoni fejn kulħadd ħareġ bl-idejat tiegħu fejn fost l-oħrajn issemma li nġibu kantanti lokali li jkunu lesti jkantaw senza interessi, il-post fejn ser jitpoġġa l-palk u l-*istalls*, u min se jbiegħ/iqassam mill-*istalls*, u oħrajn. Fl-aħħar kien hemm qbil li l-kunsill jiltaqa' l-għada filgħodu, speċifikament fuq din l-attività sabiex jiġi kkordinat kollox inkluż id-dwal u d-dekorazzjonijiet tal-Milied tat-triq.

63.06.02 Is-Sindku semmiet li nhar is-7 ta' Jannar 2024 ikollna l-Quddiesa li ssir fit-8.30am, filwaqt li fl-10.00am ikollna l-Bibita għall-Għaqdiet li bħas-sena l-oħra norgnizzawha fil-*Foyer* tal-Iskola Primarja. Rigward *catering* kien hemm qbil li jkun ordnat simili għal dak tas-sena l-oħra wkoll. Il-membri ħadu nota ta' dawn.

63.06.03 Is-Sindku semmiet ukoll il-Party tat-Tfal tal-Milied li ser isir nhar it-23 ta' Diċembru 2023 fl-10.00am fis-Sala tal-Iskola Primarja. Kien hemm qbil li nhar l-24 ta' Novembru 2023 fl-10.00am, is-Sindku flimkien mal-Kunsillier Dingli, li offra li jakkumpanja lis-Sindku, li jmorru jagħżlu r-rigali li se jinxtraw għat-tfal.

63.06.04 Is-Sindku semmiet l-ikla tal-Milied bejn il-Kunsillieri u l-istaff. Filwat li kien hemm qbil li din l-ikla issir, id-data ta' meta se ssir, ser tiġi diskussa wara l-laqgħa.

**63.07 Aġġornament dwar Proġetti**

63.07.01 Is-Sindku infurmat li dwar ir-restawr tal-Isptar il-Qadim ninsabu fil-proċess tat-*tender*, fejn is-SE bagħtet b'*email* id-dokumentazzjoni relevanti, ippreparata mill-Perit tal-Kunsill flimkien mas-Sur Adrian Mifsud li qed jaħdem fuq it-*tender*. Hija kompliet billi tat *deadline* lill-Kunsillieri sabiex jagħtu r-rispons tagħhom dwar l-imsemmija dokumenti biex b'hekk it-*tender* ikun jista' jiġi ppubblikat mill-aktar fis fuq l-*EPPS*. Il-Kunsillier ħadu nota ta' dan.

63.07.02 Rigward il-Ġnien Onġi Onġella, is-Sindku qalet li għadha qed tistenna li tiġi skedata il-laqgħa mal-Perit u mad-*Designer* li kien ipprovda d-diżinn propost tal-ġnien. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

63.07.03 Is-Sindku tkellmet dwar ix-xogħol li hemm għaddej fuq il-Proġett tal-Ġnien tal-Mentna fejn semmiet li l-*plastering* u l-kamra inkluż il-faxxa huma kważi lesti. Għandna ftit problemi, peress li kif diġà ssemma, l-kuntrattur tal-Kunsill, *Catbros Ltd.*, li qed jaħdem fuq dan il-proġett ukoll, qed jirrifjuta li jagħmel ċertu xogħol bir-rati tiegħu li għandu fil-kuntratt mal-Kunsill. Għaldaqstant, il-Kunsill qed ikollu jagħmel talbiet għal stimi biex ikun jista' jitkompla x-xogħol li fadal xi jsir fil-ġnien, bħalma huwa l-*cladding* li ġej flok fejn qabel kien hemm l-injam fejn wieħed ipoġġi bilqiegħda, kif ukoll għall-faxxa ta' fuq l-opramorta tal-kamra. Hija kompliet li ma hi xejn kuntenta bl-għaġir tal-imsemmi kuntrattur. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

**63.08 Aġġornament dwar *PA6976/21 - Site at Quarry no. Ex SM22, Ix-Xagħri L-Imqalleb, L-Imqabba***

63.08.01 Is-Sindku infurmat li wara l-laqgħa b'urġenza li saret dwar din l-applikazzjoni, hija kellha laqgħa mal-Perit, mal-Avukat u mal-Environmental Manager. Hija kompliet billi infurmat li ser tkun qed issir petizzjoni kemm manwali kif ukoll *online* u li bħalissa l-kontenut ta' din il-petizzjoni jinsab għand id-*Data Protection Officer* għal raġuni ta' *GDPR*. Hija ssuġġeriet li għandna nkellmu lil *IT Manager* tar-Reġjun sabiex jgħinna biex intellgħu din il-petizzjoni, filwaqt li saħqet li jekk xi

ħadd fost il-membri preżenti huwa kapaċi li jmexxi fuqha, jista' jagħmel dan mingħajr problemi ta' xejn. Wara diskussjoni fuq dan, kien hemm qbil li l-petizzjoni għandha tkun waħda konġunta għaliex ikun fiha iktar saħħa milli jsiru petizzjonijiet individwali.

63.08.02 Is-Sindku rreferiet għal *video clip* li ttella' fuq il-midja soċjali mil-eks Sindku Noel Galea, fejn fih jintstema diskors dispreġġjattiv fil-konfront tal-Kunsill preżenti, fosthom li l-Kunsill m'hu qed jagħmel xejn fir-rigward tal-applikazzjoni dwar l-impjant tat-tarmak u l-konkrit propost fl-Imqabba. Hija kompliet billi semmiet li mir-riċerka li għamlet dwar it-*tarmac plant* eżistenti fi Triq tas-Sejba, fejn kien sar anke sanzjonar fi żmien l-imsemmi eks Sindku, dak iż-żmien il-Kunsill ma ressaq l-ebda oġġezzjoni dwar dan, fejn hija kkwotat dan mill-korrispondenza li rċeviet mill-Awtorità tal-Ippjanar. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

63.08.03 Is-Sindku kompliet billi qrat dikjarazzjoni fil-konfront ta' stqarrija li ħarġet mill-Kumitat Sezzjonali tal-PN Mqabba, li tagħha, il-Kunsillier Sciberras huwa l-President. Il-Kunsillier Sciberras irribatta lis-Sindku fejn qal li din hija pura suġġett ta' interpretazzjoni, għaliex minkejja li forsi kien hemm tibdil fis-sekwenza ta' kif ġraw il-fatti, huwa qatt ma kien kontra li l-Kunsill joġġezzjona għall-imsemmija applikazzjoni PA 06976/21 jew li ssir il-petizzjoni. Is-Sindku kompliet li meta huwa sejjaħ biex issir laqgħa b'urġenza, hemmhekk huwa kien żbaljat għaliex skond il-liġi tal-Kunsilli Lokali, huwa s-Sindku biss li jsejjaħ il-laqgħat b'urġenza. Hawnhekk huwa ammetta li żbalja li t-talba għal din il-laqgħa m'għamilhix dirett lis-Sindku filwaqt li sostna li huwa għamel biss talba għal-laqgħa u mhux ressaqha. Id-diskussjoni kompliet għaddejja f'dan ir-rigward.

63.08.04 Is-Sindku infurmat li rċevejna stedina għal laqgħa mingħand is-Sur Oliver Magro mill-Awtorità tal-Ippjanar rigward l-applikazzjoni PA 06976/21 li hija skedata għal nhar l-4 ta' Diċembru 2023 fil-5.00pm. Hija qalet li għal din il-laqgħa li mhix speċifikata jekk iridx jattendi l-Kunsill kollu jew le, hija diġà kkonfermat l-attendenza tagħha għaliha. Il-membri preżenti ħadu nota ta' din il-laqgħa.

**63.09 Korrispondenza u ordnijiet ta' xogħlijiet**

63.09.01 Korrispondenza li rċevejna mill-ARPA, li rreferiet għaliha s-Sindku iktar kmieni f'din il-laqgħa, rigward nuqqasijiet li nstabu mill-istess ARPA rigward il-proġett ta' tisbiħ li kien sar fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Is-SE qrat il-korrispondenza lill-membri kollha preżenti u wara diskussjoni mill-kunsillieri, fosthom dwar il-fondi li l-kunsill qed jiġi mitlub irodd lura filwaqt li mhux se jkun qed jingħata l-bqija tal-fondi li kien fadallu jirċievi, kien hemm qbil fuq l-importanza tal-laqgħa li għandha ssir bejn il-Kunsill u l-ARPA. Il-membri ħadu nota ta' dan imsemmi.

63.09.02 Korrispondenza miż-*Żurrieq Wolves* fejn qed jitolbu jekk il-Kunsill Lokali għandux oġġezzjoni għaż-*Zurrieq Half Marathon* li qed jorganizzaw iż-*Zurrieq Wolves AC* bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Żurrieq. Fuq din ma' kienx hemm oġġezzjoni mill-membri preżenti.

63.09.03 Korrispondenza li rċevejna mingħand Adrian Mifsud li qed jaħdem fuq it-tender tar-restawr tal-Isptar il-Qadim (PA/07681/22), li kif semmiet iktar kmieni f'din l-istess laqgħa s-Sindku, importanti li d-dokumenti jiġu midjura mill-Kunsillieri, qabel ma' tittella' t-*tender online* fuq l-*EPPS*. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

63.09.04 Korrispondenza li rċevejna mingħand il-Kappillan tal-Parroċċa tal-Imqabba rigward talba għal *no objection* mill-Kunsill biex issir il-Purċissjoni tal-Immakulata Kunċizzjoni. Is-SE infurmat li min-naħa tagħha hija pproċediet dwar in-*no objection*, peress li l-Kunsill taha d-delega biex tagħmel dan għat-tali purċissjonijiet. Il-membri ħadu nota ta' dan.

63.09.05 Korrispondenza li rċevejna mingħand l-*Agency for Community and Therapeutic Services* f'isem residenti minn Triq Valletta, rigward U-Bar li kienet ġiet installata quddiem ir-residenza tal-imsemmija residenti fuq talba tagħhom stess, minħabba periklu biex jaċċessaw darhom minħabba d-djuq tat-triq u t-traffiku li jgħaddi. Dawn it-talin qed jitolbu li l-imsemmija U-Bar ma tibqax waħda fissa iżda tinbidel għal waħda li tkun tista' tinqala' fl-eventwalità li tinqala' emerġenza lir-residenti. Il-Kunsill qabel li m'għandu l-ebda oġġezzjoni kemm jekk il-U-Bar tibqa' hemm u kemm jekk din titneħħa. Madanakollu, kien hemm qbil mill-membri preżenti biex ninfurmaw lura lil din l-Aġenzija li jekk il-*U-Bar* titneħħa, għar-raġuni li ma tistax issir waħda li tista' tinqala', hemm ċans kbir li l-*U-Bar* ma terġax tiġi nstallata għaliex TM m'għadhix tapprova dawn it-tip ta' *U-Bars*.

63.09.06 Korrispondenza li rċevejna mill-*Community Workers Scheme* rigward il-*Performance Bonus 2023* ta' wieħed mil-ħaddiema li għandna fuq din l-iskema. Is-SE infurmat li l-*bonus* qiegħed għall-approvazzjoni tal-Kunsill fl-iskeda tal-pagamenti msemmija fl-Aġenda ta' din il-laqgħa.

63.09.07 Korrispondenza li rċevejna mir-Reġjun Punent dwar il-*Pink Boxes* li qed jirregala lil 10 Kunsilli Lokali u lil 5 skejjel li jaqgħu fi ħdanu bħala inizjattiva biex tqajjem aktar għarfien ħalli l-mara tingħata aktar setgħa fis-soċjetà tal-lum. Dan fil-waqt li tkompli tiġġieled kull forma ta' vjolenza, abbuż u żvantaġġi oħra. Is-Sindku ssuġġeriet li ladarba fil-Kunsill hemm biss 2 nisa bħala staff, jagħmel iktar sens jekk il-*Pink Box* li ingħatajna, ngħadduha lil grupp *YUT* li hu magħmul minn żgħażagħ imħalltin, fejn żgur li l-iskop tagħha ser jintlaħaq. Il-membri preżenti qablu ma' dan.

63.09.08 Korrispondenza mingħand il-Kunsillier Decelis, biex fejn qed jitlob l-aprovazzjoni biex waqt il-vaganzi tal-Milied tat-tfal il-Kunsill jorganizza ħarġa lejn il-Malta Aquarium jew simili. Fuq din intqal li idealment din il-ħarġa ssir xi darba s-Sibt għaliex minkejja li t-tfal ikollhom il-vakanzi, il-ġenituri jaf xorta jkunu xogħol u ma jkunux jistgħu jiġu magħhom. Ġie suġġeriet li tista' ssir nhar is-Sibt 6 ta' Jannar 2024, filwaqt li hu se jiġi nfurmat sabiex iġib l-istimi mingħand il-Malta Aquarium u s-Sindku se tipprova ġġib prezz tajjeb mingħand l-Esplora.

63.09.09 Korrispondenza mill-AKL dwar talba ta' installazzjoni għall-*ispeed cameras* fejn ġejna mitluba nindikaw post fil-bypass fejn l-aħjar li tiġi nstallata/i. Fuq din kien hemm diskussjoni fejn fl-aħħar kien hemm qbil li forsi jistgħu jiġu nstallati fuq iż-żewġ naħat tal-bypass, bejn Triq Valletta u r-roundabout u bejn ir-roundabout u r-roundabout l-oħra ta' qabel Triq il-Qrendi.

63.09.10 Korrispondenza mingħand il-Perit Mario Ellul mid-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi rigward it-tiswijiet fil-Pjazza tal-Imqabba, fejn qed jinforma lill-kuntrattur Bava Ltd li ser jgħaddulhom 50% mir-*retention money* u l-imsemmija xogħolijiet jitkomplew f'Jannar 2024. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

63.09.11 Korrispondenza minn TM rigward Un/Loading Bay li ġiet approvata mill-istess TM, quddiem il-ħanut Teżor il-Bidwi fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, L-Imqabba. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

63.09.12 Korrispondenza mingħand l-*Accountant* tal-Kunsill rigward talba għall-approvazzjoni tal-Kunsill, dwar il-*fixed asset register* u r-*write-offs* ta xi bilanċi antiki. Is-SE qrat il-punti kollha, filwaqt li s-Sindku tat spjega iktar fid-dettall fuq kull punt. Il-membri preżenti approvaw l-imsemmija *write-offs.*

63.09.13 Korrispondenza mis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, fejn ġie formalment ikkonfermat dak li intqal minnhom waqt il-laqgħa li nżammet ġewwa l-Kunsill rigward it-tiżjin tat-toroq fi żmien il-Milied 2023. Għal raġunijiet li ma kellhomx kontroll fuqhom, din is-sena s-SSM ma tistax tarma t-toroq bħas-snin preċedenti flimkien mas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju. Għaldaqstant din is-sena se tieħu ħsieb tarma t-toroq kollha is-SMMTĠ. Madanakollu, mis-sena d-dieħla, is-Soċjetà Santa Marija se tkun qed tarma mil-ġdid skond l-qbil li hemm rigward dan it-tiżjin, fejn se tkun qed tieħu ħsieb tarma l-Pjazza tal-Knisja. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

***Peress li kienu għaddew 3 siegħat mil-bidu tal-laqgħa, is-SE staqsiet jekk kienx hemm qbil li l-laqgħa titkompla u dwar dan kien hemm qbil unanimu.***

**63.10 Ilmenti u Suġġerimenti**

63.10.01 Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni dwar iż-*zebra crossing* li hemm fi Triq il-Qrendi li ma fihix dawl u hija ta' periklu. Is-Sindku spjegat li għalkemm iż-*zebra crossing* kienet saret minn TM, din taqa' fir-responsabiltà tal-Kunsill peress li t-triq mhix arterja. Kien hemm qbil li nibagħtu lil TM li l-imsemmija *zebra crossing* jonqosha d-dawl u li jinħtieġ li jiġi nstallat mill-aktar fis.

63.10.02 Il-Kunsillier Dingli semma żjara li huwa għamel lil Jake Vella ġewwa l-Isptar Mater Dei, u f'isem missier Jake, issuġġerixxa li ngħinuh fil-*fundraising* għall-*AAA* fejn hu se jorganizza mixja – *Paw Walk* – b'risq l-istess *AAA* nhar is-17 ta' Dicembru 2023 fl-10.00am ġewwa l-isptar Mater Dei. Wara diskussjoni mill-membri dwar dan, kien hemm qbil li nixxerjaw il-*poster* tal-*Paw Walk* fuq il-*FB*

*Page* tal-Kunsill filwaqt li nħeġġu lil kull min jixtieq jgħin sabiex sa qabel il-mixja, jistgħu jġibu ikel għall-klieb abbandunati bħala donazzjoni ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill fejn imbgħad il-Kunsill jippreżentahom dakinhar tal-*Paw Walk*.

63.10.03 Il-Kunsillier Sciberras irrefera għar-*railing* li kellu jsir fuq il-bankina fil-Pjazza kantuniera ma' Triq San Bażilju, sabiex jekk mhux se jsir, saret talba li ssir *road hump* fi Triq San Bażilju bejn id-*Dos Avos* u n-*New Life Bar* minħabba s-sewqan eċċessiv lejn il-pjazza. Is-Sindku spjegat li jekk hemm bżonn issir *road hump*, din għandha tiġi kkunsidrata, irrelevanti jekk isirx ir-*railing* fuq il-bankina jew le. Wara diskussjoni dwar dan mill-membri preżenti, kien hemm qbil li għandna niktbu lill-Perit tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi sabiex jaraw kif l-aħjar li tissolva din l-*issue* tal-bankina, biex fil-każ tiġi nkluża mat-tiswijiet fl-istess pjazza li huma skedati għal Jannar li ġej.

63.10.04 Il-Kunsillier Sciberras staqsa għaliex il-lampa tat-triq li ġiet installata fi Triq l-Aħwa Ghigo għadha mhix tixgħel. Is-SE spjegat li qed tistenna li l-STL tiġi ffirmata mill-kuntrattur Nexos biex tkun tista' tipproċessa l-applikazzjoni sabiex il-lampa tiġi mqabbda mill-Korporazzjoni Enemalta. Il-membri ħadu nota ta' dan.

63.10.05 Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li għandha tinbgħat ittra ta' ringrazzjament mill-Kunsill lil dawk kollha li b'xi mod taw is-sehem tagħhom fl-attivitajiet ta' Jum L-Imqabba 2023. Is-SE żiedet li nistgħu nibgħatuhom ukoll lil dawk in-nurses li volontarjament għenu fl-għoti tat-tilqim ta' kontra l-influwenza fl-Imqabba. Fuq dan kollu kien hemm qbil mill-Kunsillieri preżenti.

63.10.06 Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk hux possibbli li l-Perit tal-Kunsill jgħin fir-rigward tal-EAPPS fin-nuqqas ta' riżorsi umani li għandna preżentement fil-Kunsill. Is-Sindku spjegat li dan mhux fil-kompitu tal-perit li jsir, filwaqt li infurmat li hija tat struzzjonijiet lis-SE biex darba fil-ġimgħa l-EAPPS għandha tiġi ċċekkjata. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

63.10.07 Il-Kunsillier Sciberras talab biex issir tabella, biex jintremix skart, fis-*service road* fi Triq il-Konvoj ta'Santa Marija, bejn Triq Xandru Farrugia u Triq il-Franka, viċin daħla ta' garaxxijiet ħdejn il-ħanut Teżor il-Bidwi. Is-Sindku infurmat li din tista' ssir *laminated* minflok tabella tal-pjanċa, li wkoll hija effettiva. Il-membri ħadu nota ta' dan.

63.10.08 Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa biex il-bus bay li hemm quddiem il-bus stage fi Triq Karmenu Ciantar, jersaq 'l isfel lejn il-garages li ma jintużawx u l-parking bays li se jonqsu b'din il-bay, jitpenġew kontra biex ma jintilfux. Ir-raġuni hi li sfortunatament il-karozzi tal-linja qed jitħallew startjati waqt li jkunu pparkjati f'din il-bus bay u qed ikunu ta' inkonvenjent u ta' dannu għas-saħħa tar-residenti li hemm viċin l-imsemmi bus stop. Wara diskussjoni rigward dan, il-membri qablu li għandna nistaqsu lil xi kuntrattur bħalma hu B Grima, sabiex jiggwidana ftit qabel ma nressqu l-każ quddiem TM.

**63.11** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 08/63**

63.11.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 08/63 ġiet approvata unanimament; bi qbil ukoll li item 1 u item 4, il-kuntrattur C. Bonello jitħallas nofs il-kontijiet ippreżentati minħabba nuqqasijiet fis-servizz tiegħu.

**63.12** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

63.12.01 Il-laqgħa ntemmet fid-9:00 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 11 ta' Diċembru 20023 fis-6.00 pm, eżattament wara l-laqgħa pubblika rigward il-Baġit 2024 li se ssir fil-5.30pm.

Konfermati illum it-Tnejn 11 ta' Diċembru 2023.

**Grace Marie Zerafa**
**Sindku**

**Valerie Galea**
**Segretarju Eżekuttiv**